

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għas-Sajd*

**2008/2010(INI)**

14.4.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-Istrateġija għall-ibgħad reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni  
(2008/2010(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pedro Guerreiro

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

- A. billi, minkejja t-titjib innotat, xorta jibqa' l-bżonn li jkun hemm investimenti ġodda biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-professionisti tas-sajd, l-infrastrutturi u t-tagħmir tal-port ta' għajjnuna għas-sajd, u biex jiġġeddu u jiġu modernizzati l-flotot ta' l-ibgħad reġjuni (OR),
- B. billi l-flotot fil-maġġoranza tagħhom huma magħmula minn dgħajjes antikwati, xi kultant li ilhom iktar minn 30 sena f'ċerti żoni mbiegħda, u billi l-iskop li dawn jingħataw għajnuniet Komunitarji għat-tiġdid tal-flotot ikun ta' ostakolu biex jегħlbu l-iżvantaġġ tagħhom fir-rigward ta' l-istruttura tal-flotot tal-kontinent Ewropew,
- C. billi l-ibgħad reġjuni huma dipendenti, mil-lat soċjoekonomiku, mir-riżorsi tas-sajd taż-żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom (ŻEE), u billi ż-żoni tas-sajd jippreżentaw fraġilità kbira mil-lat bijoloġiku,
  1. Jenfasizza l-importanza tas-settur tas-sajd fir-rigward tas-sitwazzjoni soċjoekonomika, ta' l-impjiegi u tal-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali ta' l-ibgħad reġjuni, immarkati minn ekonomiji sottomessi għal limitazzjonijiet strutturali permanenti u li jgawdu minn ftit possibilitajiet ta' diversifikazzjoni;
  2. Iqis li l-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi lill-flotot tas-sajd ta' l-ibgħad reġjuni diskriminazzjoni pożittiva fl-aċċess għar-riżorsi tas-sajd li jeżistu matul il-kosti tagħhom u tissalvagwardja b'attenzjoni partikolari n-natura sostenibbli tas-sajd artiġġjanali;
  3. Iqis neċessarju li jinżammu u jissaħħu l-għajnuniet Komunitarji lis-setturi tas-sajd għall-ibgħad reġjuni, li għandhom programm ta' kumpens għall-ispejjeż supplimentari mġarrba mill-fatt li jinsabu 'l bogħod, marbuta mal-fluss tal-prodotti partikulari tas-sajd ta' ċerti reġjuni mbiegħda (POSEI għas-Sajd); jiddefendi, f'dan is-sens, l-idea li dan il-programm m'għandux ikun limitat fiż-żmien, peress li s-sitwazzjoni tad-distanza mbiegħda hija permanenti, u japprezza ż-żieda tal-krediti tal-baġit Komunitarju 2008 għall-programm;
  4. Iqis neċessarju li jittieħdu miżuri ġodda, iktar effikaċji u indipendenti mill-kriterji ta' limitazzjoni fiż-żmien jew minn evoluzzjoni ta' l-istat ta' rikkezza li tkun ġejja minn ċirkostanzi temporanji jew artifiċjali, biex tiġi promossa l-kapaċità ta' l-ibgħad reġjuni meta jkunu ffaċċjati mil-limitazzjonijiet u mill-iżvantaġġi strutturali permanenti li huma sottomessi għalihom, b'mod partikulari fis-settur tas-sajd;
  5. Jitlob lill-Kummissjoni biex, b'kunsiderazzjoni ta' l-ispeċifità u d-differenzi bejn l-ibgħad reġjuni, minn naħa, u ta' l-irwol li dawn għandhom fil-politika marittima Ewropea integrata, min-naħa l-oħra, tintegra fil-pjan tagħha miżuri ta' għajjnuna lis-setturi tas-sajd ta' dawn ir-reġjuni, li jiffokaw b'mod speċjali fuq il-punti li ġejjin:
    - il-ħatra taż-żona li tikkorrispondi għaż-ŻEE ta' l-ibgħad reġjuni bħala "żona ta' aċċess

esklusiv", sabiex tiggarrantixxi s-sostenibilità tas-sistemi ekoloġiċi tal-baħar, ta' l-attività tas-sajd u tal-komunitajiet lokali kkonċernati;

- l-evalwazzjoni xjentifika tal-potenzjal ta' dawn l-ilmijiet fir-riżorsi tal-baħar u, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni definit fil-politika komuni tas-sajd, l-għażla taż-ŻEE ta' ħdejn l-ibgħad reġjuni għal-flotot lokali rispettivi tagħhom;
- l-evalwazzjoni, b'konformità mal-prinċipju ta' l-istabbiltà relattiva, ta' l-impatt soċjoekonomiku li jkollu tkabbir ta' l-isforz tas-sajd u l-użu ta' ċerti magni fid-dgħajjes bl-ikbar kapacià fiż-żoni ekonomiċi esklussivi ta' ħdejn l-ibgħad reġjuni, fuq in-natura sostenibbli tal-Komunitajiet lokali rispettivi;
- il-garanzija ta' l-għajnuna Komunitarja għat-tiġdid u għall-immodernizzar tal-flotot tas-sajd ta' l-ibgħad reġjuni, b'mod partikulari tal-flotot artiġanali, kundizzjoni indispensabbli għat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' konservazzjoni tal-ħut u l-kundizzjonijiet ta' xogħol, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sigurtà tal-professjonisti tas-sajd ta' l-ibgħad reġjuni;
- it-tisħiħ ta' l-għajnuna Komunitarja għar-riċerka xjentifika fil-qasam tas-sajd u għall-ġbir ta' informazzjoni, li għandha tippermetti li jiġu promossi l-protezzjoni u r-ristawr tar-riżorsi tal-baħar u l-bijodiversità ta' l-ibgħad reġjuni, b'mod partikulari billi tiġi rikonossuta n-natura speċifika ta' dawn ir-reġjuni fil-qafas tal-programmi marbuta mas-seba' programm qafas għal azzjonijiet ta' riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u tad-dimostrazzjoni;
- it-titjib tal-magni tas-sajd u l-projbizzjoni ta' l-użu ta' magni tas-sajd li jagħmlu ħsara lis-sistemi ekoloġiċi tal-baħar;
- it-twaqqif ta' miżuri soċjoekonomiċi bl-għan li s-sajjieda jiġu kkompensati għall-impatt tal-miżuri, volontarji jew le, tal-konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar;
- il-ħolqien ta' programm Komunitarju ta' għajnuna għas-sajd żgħir tal-kosta u għas-sajd artiġanali, li jqis in-naturu speċifiċi u l-importanza soċjoekonomika li joħorġu minn dawn ir-reġjuni;
- l-għajnuna għat-taħriġ u għall-kwalifiki professjonali, għat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' xogħol (inklużi l-kundizzjonijiet ta' iġjene, ta' sigurtà u ta' kumdità) u tas-sitwazzjoni ekonomika tas-sajjieda, li jiffavorixxi t-tixtil tas-settur;
- it-tisħiħ ta' l-għajnuna għat-trasformazzjoni, għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-promozzjoni tal-prodotti tas-sajd ta' l-ibgħad reġjuni;
- il-modernizzazzjoni u l-ħolqien ta' l-infrastrutturi u tat-tagħmir tal-port ta' appoġġ għas-sajd, li bħalissa mhumiex biżżejjed biex jirrispondu għall-bżonnijiet tas-settur tas-sajd f'ċerti reġjuni mbieġħda;
- it-tisħiħ mill-ġdid ta' l-għajnuna għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-akwakultura u tal-produzzjoni akwatika, skond in-natura speċifika ta' kull waħda minn dawn ir-reġjuni mbieġħda;

- l-għajnuna għall-installazzjoni u għall-modernizzazzjoni ta' mezzi xierqa ta' prevenzjoni, ta' salvataġġ, ta' sorveljanza, ta' verifika u ta' kontroll, li għandha tqis il-kobor taż-żoni ekonomiċi esklussivi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, it-tisħiħ tas-sigurtà marittima u s-salvagwardja ta' l-ambjent tal-baħar;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' suddiviżjoni insulari, integrata mal-kunsill konsultattiv reġjonali għall-ilmijiet awstrali tal-Punent, li tkun tista' tittratta b'mod iktar objettiv il-pixkeriji speċifiċi għall-ibgħad reġjuni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	3.4.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 1 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elsbeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Luis Manuel Capoulas Santos, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Ioannis Gklavakis, Alfred Gomolka, Pedro Guerreiro, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Seán Ó Neachtain, Willi Pieczyk, Catherine Stihler, Margie Sudre, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Cornelis Visser
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ole Christensen, Josu Ortuondo Larrea, Raúl Romeva i Rueda, Thomas Wise
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilda Figueiredo, Willem Schuth